# **Doqqu Qniepen Doqqu**

(Wara li smajt il-qniepen tal-knisja ta’ Stella Maris
iddoqqu ghall-paċi fl-14 ta’ Marżu 2004,
b’kollaborazzjoni mad-direttiva tal-Ġnus Magħquda)

Doqqu w doqqu qniepen, doqqu w ħabbru s-sliem,
dak li ntilef qalb id-dħaħen u n-nirien,
Doqqu qniepen ibqgħu doqqu mingħajr tmiem
semmgħu l-għanja lil gwerriera w lil ġirien.

Wasslu l-leħen lil min jemmen fit-taqbid
sabiex jinża w jitlaq l-elmu w l-ażżarin.
Mill-kampnari baxxru w xerrdu bla tiġbid
hemm triq oħra minflok dmija imċarċrin.

Xandru t-tama lil min tilef il-ħelsien
għatu d-duwa lil min ġarrab wisq wġigħ.
Ċenċlu w ħabtu w komplu damdmu b'dak l-ilsien
sabiex jieqfu x-xhir u l-biki kollha rġigħ.

Doqqu qniepen din is-sejħa ta’ bla kliem
doqqu w doqqu sakemm jasal dan is-sliem!

Raymond Grech
*20 Ta' Marzu 2004*
Tas-Sliema

Id-drittijiet kollha ta' din il-publikazzjoni qed jinzammu.
Copyright © 2004 Raymond Grech - Sliema. All rights reserved.